# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2020**

**Kawża Numru 5 (Kost.)**

**Rik. Nru. 10/18JRM**

Kevin **ŻAMMIT BRIFFA**

vs

**IR-REĠISTRATUR TAL-QRATI U TRIBUNALI ĊIVILI** u l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Kevin Żammit Briffa fis-6 ta' Frar, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (i) issib ma tiswiex għaliex saret bi ksur tal-liġi u għalhekk mingħajr effett in-notifika lilu tas-smigħ tal-appell imressaq minnu minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u dan għaliex imwettqa

bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u kif ukoll tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"); (ii) issib ma jiswiex id-degriet ta' deżerzjoni mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Jannar, 2018; u (iii) tordna li l-appell imressaq minnu jerġa' jitqiegħed għas-smigħ quddiem dik il-Qorti. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2018, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-22 ta' Frar, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi qal li l-ilment tiegħu ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq ma huwa bl-ebda mod mistħoqq u la fil-fatt u lanqas fid-dritt u din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih. In-notifika tal-Avviż tas-Smigħ tal-appell li ressaq ir-rikorrent innifsu kienet saret fil-post li huwa nnifsu semma fir-rikors tal-appell u lil persuna – ibnu – li, bil-liġi, kienet waħda mill-persuni li setgħet tilqa' n-notifika f'ismu. Iżid jgħid li kien nuqqas tar-rikorrent li, minkejja li jgħid li kien ilu li tbiegħed mill-post, naqas li jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti b'dan il-bdil. Għalhekk, jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha riferta pożittiva valida u d-degriet li tat kien tajjeb u jiswa. Jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li r-rikorrent naqas milli jinqeda bir-rimedju mogħti lilu fl-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali li jitlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali terġa' tqiegħed l-appell tiegħu għas-smigħ għal raġuni tajba;

Rat li, minkejja li laqa' n-notifika tal-atti, l-intimat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ma ressaqx tweġiba għar-rikors tar-rikorrent;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-26 ta' Frar, 2018[1], li biha qablu li dwar il-fatti rilevanti għall-kwestjoni kienu joqogħdu fuq dak li joħroġ mill-atti u li ma kienx hemm kuntrast li n-notifika tal-Avviż tas-Smigħ tal-appell saret f'indirizz li fiż-żmien li saret ma kienx il-post fejn joqgħod ir-rikorrent u l-atti tħallew ma' iben ir-rikorrent;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

[1] Paġ. 26 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2018 li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-30 ta' Mejju, 2018[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-3 ta' Awwissu, 2018[3], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat li l-intimat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ma ressaq l-ebda sottomissjoni;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża u ħadet konjizzjoni ta' proċedimenti oħrajn rilevanti marbuta mal-każ;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent jgħid li ġarrab ksur tal-imsemmi jedd, b'mod partikolari tal-jedd li kull parti jkollha l-opportunità li tinstama' minn qorti, billi l-kawża kontra tiegħu (appell imressaq minnu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali) nqatgħet bla ma huwa kien notifikat kif trid il-liġi. Huwa jgħid li, minħabba f'hekk u billi meta ssejjaħ l-appell tiegħu ma deherx, il-kawża marret deżerta bil-konsegwenzi li ġġib magħha. Huwa jgħid li ntebaħ bl-appuntament tal-kawża wara li kien għalaqlu ż-żmien biex iressaq talba quddiem dik il-Qorti biex terġa' tqiegħed l-appell tiegħu għas-smigħ. Isejjes dan l-ilment tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq dawk tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni. Qiegħed jitlob li din il-Qorti ssib li huwa ma kienx notifikat kif trid il-liġi u li tħassar id-degriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali li biha sabet li l-appell tiegħu mar deżert u biex tordna li l-appell tiegħu jerġa' jinstema' mill-ġdid;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' billi qal li l-ilment tar-rikorrent ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq ma huwa

[2] Paġġ. 41 – 4 tal-proċess
[3] Paġġ. 48 sa 53 tal-proċess

bl-ebda mod mistħoqq u la fil-fatt u lanqas fid-dritt u din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih. In-notifika tal-Avviż tas-Smigħ tal-appell li ressaq ir-rikorrent innifsu kienet saret fil-post li huwa nnifsu semma fir-rikors tal-appell u lil persuna – ibnu – li, bil-liġi, kienet waħda mill-persuni li setgħet tilqa' n-notifika f'ismu. Iżid jgħid li kien nuqqas tar-rikorrent li, minkejja li jgħid li kien ilu li tbiegħed mill-post, naqas li jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti b'dan il-bdil. Għalhekk, jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha riferta pożittiva valida u d-degriet li tat kien tajjeb u jiswa. Jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li r-rikorrent naqas milli jinqeda bir-rimedju mogħti lilu fl-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali li jitlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali terġa' tqiegħed l-appell tiegħu għas-smigħ għal raġuni tajba;

Illi bħala <u>fatti rilevanti</u> jirriżulta li r-rikorrent jaħdem bħala direttur f'kumpannija. Huwa miżżewweġ bit-tfal (tewmin), imma ż-żwieġ tkisser u ma baqax jgħix fid-dar taż-żwieġ li tinsab fis-Swieqi sa minn Mejju tal-2014, tant li fil-21 ta' Lulju tal-2015 bidel l-indirizz tal-Karta tal-Identità tiegħu għal post f'Tas-Sliema[4], li fih kien jgħix missieru[5];

Illi f'xi żmien fl-2013, il-Pulizija Eżekuttiva bdiet proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u xlietu, fost l-oħrajn, li impjega persuna barranija li ma kinitx liċenzjata u lanqas kellu permess validu u li kien naqas li jgħarraf b'dan lill-Awtorità kompetenti. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' April, 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500). Huwa appella minn dik is-sentenza;

Illi fis-6 ta' Ġunju tal-2016[6] kien pubblikat il-kuntratt tal-firda personali bejn ir-rikorrent u martu li fih, fost l-oħrajn, il-komparenti iddikjaraw li r-rikorrent ħareġ minn dik li kienet id-dar taż-żwieġ;

Illi f'Lulju tal-2017[7], ir-rikorrent bidel l-indirizz muri fil-Karta tal-Identità tiegħu għal indirizz f'San Pawl il-Baħar. Fis-27 ta' Novembru, 2017[8], marixxall tal-Qorti ħalla l-Avviż tas-Smigħ tal-appell tar-rikorrent fl-indirizz tad-dar fis-Swieqi f'idejn ibnu. L-appell kien imqiegħed għas-smigħ fil-15 ta' Jannar tal-2018. L-Avviż tas-Smigħ, flimkien ma' korrispondenza oħra li waslitlu fl-indirizz tas-Swieqi, ngħataw lir-rikorrent minn bintu wara li ġie lura Malta minn safra[9];

---

[4] Dok "KZB1", f'paġ. 28 tal-proċess
[5] Xhieda tiegħu f'paġ. 39 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 14 tal-proċess
[7] Dok "KZB2", f'paġ. 29 tal-proċess
[8] Dok "AG" f'paġ. 32 tal-proċess
[9] Xhieda tiegħu f'paġ. 38 tal-proċess

Illi dakinhar li ssejjaħ l-appell, ir-rikorrent ma deherx u b'degriet mogħti dakinhar stess[10], il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li rat ir-riferta, sabet li l-appell tiegħu kien mar deżert. Fit-22 ta' Jannar, 2018[11], ir-Reġistratur ta' dik il-Qorti bagħat avviż lir-rikorrent biex jitolbu jħallas il-multa ta' € 1,500 li kienet waħħlitu l-Qorti tal-Maġistrati;

Illi fid-29 ta' Jannar, 2018, ir-rikorrent ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jitlob it-tħassir tad-degriet tad-deżerzjoni, iżda b'degriet tal-1 ta' Frar, 2018[12], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu;

Illi fis-6 ta' Frar, 2018, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ tar-rikorrent jitilqu mill-kwestjoni tal-jedd fundamentali li huwa jgħid li ġarrab ksur tiegħu. Joħroġ ċar mill-att promotur tal-kawża li r-rikorrent jibni l-każ tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa jqis li, b'dak li sar, kien imċaħħad minn jedd li jistema' minn qorti u mill-prinċipju tal-ħaqq naturali '*audi et alteram partem*'. Huwa jgħid li n-notifika li saret tal-Avviż tas-Smigħ ma kinitx tiswa għaliex ma kienx notifikat personalment kif titlob il-liġi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li

[10] Dok "AG", f'paġ. 31 tal-proċess
[11] Dok "AG", f'paġ. 33 tal-proċess
[12] Dok "AG", f'paġ. 34 tal-proċess

(b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata[13];

Illi, min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. .. ..; (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi; (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[14];

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilità tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent ma jispeċifikax liema dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni jqis li ġarrab ksur

---

[13] Ara, b'eżempju, Kost. **16.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali*** u Kost. **29.11.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Larry Formosa noe vs L-Avukat Ġenerali***

[14] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 10.10.1 f'paġ. 631

tagħhom. Jidher li jinvoka l-imsemmija dispożizzjonijiet b'mod ġeneriku, imma jlibbishom taħt il-prinċipju tal-*audi et alteram partem* meta ma ngħatax l-Avviż dwar is-Smigħ tal-appell tiegħu. Wara li l-Qorti qrat sewwa l-imsemmija sottomissjonijiet u dawk tal-intimat Avukat Ġenerali jidher li l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti fil-pretensjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali qieset l-appell tiegħu bħala deżert minkejja li huwa ma kienx notifikat kif imiss bl-imsemmi Avviż;

Illi f'dan ir-rigward, il-kwestjoni tal-jedd għal smigħ xieraq hija marbuta mas-siwi tal-proċedura li fiha kien imdaħħal ir-rikorrent u l-effetti li dik il-proċedura ġabitlu minħabba li jgħid li hu kien imċaħħad milli jgħid tiegħu u li jkun mgħarraf kif imiss b'dik l-opportunità;

Illi f'dan ir-rigward, huwa magħruf u aċċettat li ksur ta' dak il-prinċipju tal-*audi et alteram partem,* jaf ikun tassew raġuni tajba li twassal għat-tħassir tal-proċeduri li matulhom jirriżulta li jkun seħħ dak il-ksur[15]. Huwa ghalhekk li din il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ għemil mwettaq minn Qorti oħra, anke jekk il-Qorti li tiġi mistħarrġa tkun qorti ogħla minnha[16];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent jilmenta li ma ġiex notifikat kif imiss bl-Avviż tas-smigħ tal-appell, billi n-notifika saret f'post li m'għadux jgħix fih. Dan wassal biex ma kienx jaf bis-smigħ u ma deherx għall-appuntament dakinhar li l-appell tiegħu ssejjaħ quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Jgħid ukoll li kien isiefer ta' spiss iżda qabel ma kien jitlaq minn Malta, kien jagħmel kuntatt mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Itenni li sar jaf bl-appuntament quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ġranet wara li ġie lura Malta[17];

Illi r-regola hi li d-determinazzjoni ta' kwestjoni dwar jekk hemmx jew le ksur ta' jedd għal smigħ xieraq m'għandux jiddependi minn episodju wieħed iżolat, iżda minn dak li jkun seħħ fl-iter proċesswali kollu, b'mod partikolari jekk kemm-il darba tali episodju sata' jissewwa fi stadju ulterjuri[18];

Illi l-intimat Avukat tal-Istat jirribatti l-ilment tar-rikorrent fuq tliet binarji: l-ewwel, li n-notifika saret sewwa billi tħalliet ma' membru tal-familja tiegħu u fl-indirizz li kien wera r-rikorrent meta rressaq l-appell; it-tieni, wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent naqas li jressaq l-atti ġudizzjarji msemmija fl-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali biex jagħti r-raġuni għaliex ma kienx deher u biex jitlob lil dik il-Qorti tagħtih jum ieħor

---

[15] Ara P.A. (Kost.) RCP **17.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Farruġia et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata) u s-sentenzi hemm imsemmija

[16] P.A. (Kost) TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismjiet ***Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et***; u Kost. **9.12.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Seychell vs On. Prim Ministru et***

[17] Ara x-xhieda tar-rikorrent f'paġġ. 38 sa 39 tal-proċess

[18] Kost. **15.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.379**)

għas-smigħ; u t-tielet, ir-responsabbilità għan-nuqqas tiegħu li jivverifika fiex kienu waslu l-proċeduri tal-kawża li fihom huwa parti;

Illi l-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar notifika tal-Avviż tas-smigħ tal-appell lill-partijiet fl-artikolu 421(1), imma ma jgħidx kif issir. Biex wieħed isib kif għandha ssir notifika, wieħed irid idur lejn l-artikolu 362(1) tal-Kodiċi li jitkellem dwar in-notifika taċ-ċitazzjoni. F'dak l-artikolu jingħad li n-notifika ssir billi tingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod. Il-kliem fejn il-persuna "is-soltu tkun toqgħod" ingħatat tifsira mill-Qorti bħala notifika fejn l-akkużat "ikun jista' jinstab regolarment"[19]. Il-Qorti qieset bħala tajba u skond dak li titlob il-liġi notifika ta' att li tkun tħalliet f'idejn persuna adulta li għandha relazzjoni mal-akkużat;

Illi l-Qrati tagħna ilhom żmien jgħidu li jaqa' fuq il-parti interessata l-obbligu li ssegwi l-proċeduri kriminali li jkunu għaddejjin kontriha quddiem il-Qorti ta' l-appell, u jara x'sar minnhom[20]. Ma dan irid jingħad li llum il-ġurnata, wieħed jista' jsegwi dak kollu li jkun tniżżel f'verbal ta' kawża fuq is-sit elettroniku uffiċjali, fi ftit jiem wara li jkun sar, u b'hekk wieħed jaf ikun jista' jirregola ruħu b'mod tempestiv;

Illi l-liġi trid ukoll li, fil-każ ta' appell imressaq minn proċeduri penali, l-appellant jidher quddiem il-Qorti tal-Appell dakinhar tas-smigħ u li din il-preżenza tiegħu ma tistax tkun sostitwita bil-preżenza ta' ħaddieħor minfloku jew tal-avukat tiegħu[21];

Illi meta l-qorti tqis iċ-ċirkostanzi li fih ingħata d-degriet mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2018, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel, tasal għal fehma li l-ilment tar-rikorrent mhux mistħoqq. Mill-atti jirriżulta li n-notifika tħalliet f'idejn iben ir-rikorrent fl-indirizz fejn ir-rikorrent kien jgħix sa ftit żmien qabel. Il-fatt li iben ir-rikorent (jew bintu) ħalla numru ta' jiem biex jgħarraf u għadda kopja ta' l-att lir-rikorrent mhix difiża li tista' titressaq mir-rikorrent għall-ġid tiegħu. Tqis ukoll li r-rikorrent naqas milli jsegwi l-proċeduri istitwiti minnu, u li kieku għamel dan, seta' faċilment jagħmel użu mir-rimedju mogħti lilu mill-liġi. Għalkemm ir-rikorrent jallega li huwa ma setax jidher quddiem il-Qorti tal-Appell – la ma kienx jaf bl-appell – dakinhar li ssejjaħ l-appell, dan ma jfissirx li ma kellux rimedji fejjieda mogħtijin lilu mil-liġi li kieku tabilħaqq ma kienx notifikat kif imiss[22]. Min-naħa l-oħra, l-atti tal-kawża kienu juru li dik in-notifika kienet saret tabilħaqq

[19] App Krim. Inf. VDG **12.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Themistocles sive Temi Attard***

[20] Kost. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismjijet ***Anthony Bezzina vs Avukat Ġenerali*** §§ 13 u 28; u Kost. **20.7.2020** fil-kawża fl-ismjiet ***William Gatt vs L-Avukat Ġenerali*** §§ 17 sa 31

[21] App. Krim. Inf. WH **8.6.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Cristino Sciortino*** (paġġ. 61 – 4 tal-pubblikazzjoni Sentenzi tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina – *O. Gulia*) u l-bosta riferenzi hemm imsemmija

[22] Kost. **27.1.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Patrick Manġion vs L-Avukat Ġenerali et*** §§ 6 u 11

kif titlob il-liġi u l-intimat jgħid sewwa li r-riferta tikkostitwixxi prova tajba fiha nnifisha ta' dak li tgħid u dan fil-grad ta' prova mistenni fil-proċedura[23];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juri li huwa ċċaħħad mill-jedd li jingħata smigħ xieraq ukoll fl-istadju tal-appell tiegħu fil-proċeduri kriminali mnedijin kontrih, u li jekk huwa ġarrab xi nuqqas, dan ma jistax jimputah bl-ebda mod lill-organi tal-Istat, imma lilu nnifsu u 'l qrabatu. Għalhekk issib li l-**ewwel talba** tiegħu mhix mistħoqqa u mhux sejra tintlaqa';

Illi ladarba t-**tieni u t-tielet talbiet** huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda, il-Qorti ssib li lanqas dawk it-talbiet ma jmisshom jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrent u ma ssib li huwa ġarrab l-ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, bl-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mir-rikorrent.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Ottubru, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Ottubru, 2020**

[23] Kost. **29.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Cassar vs L-Avukat Ġenerali et*** §§ 38 – 9